# IX-XHIEDA STORIKA-LETTERALI TA' PATRI PELAĠJU DWAR ĠILORMU CASSAR BĦALA L-ARKITETT TAL-KUNVENT U L-KNISJA L-ANTIKA TAL-KAPUĊĊINI FIL-FURJANA

*minn Rev Dr Martin Micallef*

It-tradizzjoni orali kif ukoll dik miktuba żżomm li l-bini tal-kunvent u l-knisja l-antika tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana kienu ddisinjati mill-Inġinier Malti, Ġilormu Cassar (c.1520-1592).[1] F'dan l-artiklu ser nippreżentaw xi wħud mill-ewwel xhieda letterali dwar ir-rabta ta' dan l-arkitett Malti ma' dan il-kumpless antik fil-Furjana, filwaqt li ser nippruvaw nevalwaw kemm tassew nistgħu noqogħdu fuq dak li kitbu dawn l-awturi. Nittamaw li dan l-eżerċizzju jgħinna napprezzaw aktar il-wirt li ta isem lil din il-lokalità li fi żmienna hija magħrufa bħala l-Furjana.

## L-evidenza storika f'*Notizie di Monasteri e Case Religiosi*

Patri Pelaġju Mifsud Gauci Piscopo (1708-1781), Kapuċċin minn Ħaż-Żebbuġ,[2] jidher li hu wieħed mill-ewwel awturi storiċi li kiteb dwar Ġilormu Cassar bħala dak li ddisinja l-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana. Fost il-ħafna kitbiet li ħallielna Patri Pelaġju nsibu manuskritt b'informazzjoni dwar kunventi u knejjes li kien hawn fil-gżejjer Maltin fis-seklu tmintax.[3] Fil-frontispizju tal-manuskritt, Patri Pelaġju niżżel id-data tal-1775 bħala s-sena li fiha huwa ħalla dan il-manuskritt lill-Katidral tal-Imdina bl-intenzjoni li jitlaq lejn Reggio.[4] Dan jurina li sas-sena 1775, Patri Pelaġju kien lesta minn din il-kitba.

Ma setax jonqos li f'din il-kitba tiegħu, Patri



Notizie di Monasterj e Case Religiose
tanto di Uomini come di Femmine di diversi
Ordini introdotte in Malta e Gozo
ricercate e raccolte dal Pre Pelagio [illegible]
della Terra Zebbug Capuccino nato adi 10.
[illegible] 1708, ordinato [illegible] adi 20.
[illegible] 1733. Vestito Capuccino adi 30. [illegible] 1742.
Aggregato alla Provincia de' [illegible] Reggitana
nel 1775
e nello [illegible] in d. anno lasciato questo
Volume conservato nella Libraria della
S. [illegible] Chiesa Cattedrale.
N.° 2.

*Il-frontispizju tal-kitba Manuskritta ta' Patri Pelaġju, Notizie di Monasteri e Case Religiosi*

1 Dawn id-dati tat-twelid u l-mewt ta' Ġilormu Cassar huma mogħtija minn Roger de Giorgio, *A City by an Order* (Malta: l-awtur, 31998), 125. Dwar il-ħajja ta' Ġilormu Cassar ara, Giovanni Mangion, "Girolomo Cassa architetto Maltese del cinquecento," *Melita Historica* 6, n.2 (1973): 192-200; Conrad Thake, "Girolamo Cassar (1520?-1592) Architect of the Order," *Treasures of Malta* 6, no.2 (Easter 2000): 29-34.

2 Dwar Patri Pelaġju ara, Martin Micallef, "L-għejun bijografiku u biblijografiku tas-Seklu 18 dwar Patri Pelaġju Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ," f'*Speciosa Città Rohan, Ħaż-Żebbuġ: Aktar fuq ġrajjietu u niesu*, eds., Philip Balzan, Evelyn Pullicino, Joseph Ciantar (Malta: Għaqda Każin Banda San Filep, 2021), 381-385.

3 Ara [A]rkivju [K]atidral [M]alta, Misc. 54, *Notizie di Monasteri e Case Religiosi.*

4 Ara ibid., frontispizju tal-manuskritt.

Pelaġju jinkludi informazzjoni dwar il-knisja u l-kunvent li l-Patrijiet Kapuċċini kellhom barra s-swar tal-Belt Valletta. Fil-bidu tat-tagħrif dwar il-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana, dan il-patri Kapuċċin jiddiskuti fit-tul id-data ta' meta l-Kapuċċini setgħu ġew Malta fid-dawl ta' nuqqas ta' qbil fost dawk li kitbu qablu. Huwa hawn fejn huwa jikteb: "Il-Kommendatur del Pozzo tom.1 lib.6. paġ.364, taħt is-sena 1595, iqiegħed it-twaqqif ta' dan il-kunvent taħt is-sena 1588 wara r-ritorn ta' Verdalle minn Ruma fejn kien ġie maħtur Kardinal fil-bidu tal-1588, f'liema sena, immedjatamnet wara r-ritorn tiegħu, ordna l-bini tal-kunvent fuq id-disinn tal-inġinier famuż Ġilormu Cassar."[5]

Patri Pelaġju jagħmilha ċara li f'din l-informazzjoni huwa kien qed jistrieħ fuq dak li kien kiteb qablu l-istoriku tal-Ordni ta' San Ġwann, Bartolomeo dal Pozzo, f'"tom.1 lib.6. paġ.364." Għalkemm f'din il-kwotazzjoni minn Dal Pozzo nsibu l-informazzjoni dwar Verdala, ir-referenza għal Ġilormu Cassar bħala l-arkitett tal-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana ma tagħmilx parti minn din il-kitba ta' dal Pozzo.[6]

Ir-referenza għal Ġilormu Cassar f'rabta mal-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana mhijiex l-unika waħda f'din il-kitba ta' Patri Pelaġju. F'dan l-istess manuskritt, il-patri Kapuċċin jinkludi inventarju li fih elenka dak li kien hemm fil-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana fis-sena 1766. Fil-bidu ta' dan l-inventarju, Patri Pelaġju jagħti deskrizzjoni tal-arkitettura tal-knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana filwaqt li jerġa' jsemmi lil Ġilormu Cassar bħala dak li ddisinja dan il-bini pjuttost umli mingħajr ebda ammirazzjoni ta' arti. "Pjanta u disinn tal-knisja flimkien ma' dik tal-kunvent magħmula mill-inġinier magħruf Malti, Ġilormu Cassar, imwaqqfa mill-Emminentissimu Sinjur Kardinal u Gran Mastru, Fra Ugo de Lobaux de Verdala."[7] Hawnhekk iżda, Patri Pelaġju jerġa' ma jgħidx liema kien l-għejun storiċi li fuqu kien qed jistrieħ fir-rigward ta' din l-informazzjoni storika dwar Ġilormu Cassar bħala l-arkitett tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini.



*Il-Gran Mastru Verdalle*

5 "Il Comm[endatore] del Pozzo tom.1. lib.6. pag. 364. sotto l'anno 1595 ripone la fondazione di questo convento sotto l'anno 1588 dopo il ritorno del Verdala da Roma creato Cardinale, locche seguì nei principi del 1588, in cui, immantinente dopo il ritorno, ordinò la fabbrica del convento sul dissegno del famoso ingegniere Girolamo Cassar." AKM, Misc. 54, *Notizie di Monasteri e Case Religiosi*. f.41v.

6 "Lasciò anco diverse memorie della sua pietà, e magnifenza; come fu l'institutine delle Monache di S. Orsola al Borgo, e la fondatione del Convento de' Padri Capuccini fuori della Valletta, che seguì nel 1588 dopo il suo ritorno da Roma; a' quali anco stabilì una cotidiana limosina per lor sostentamento, che dal Palazzo Magistrale tuttavia si continua." Bartolomeo Dal Pozzo, *Historia della Sacra Religione di S. Giovanni Gerosolimitano, detta di Malta* (Verona: 1703), Parte 1, 364.

7 "Chiesa. Vaso e corpo di chiesa assai umile senza sfoggio dell'arte, pianta, e dissegno della med[esim]a unitam[ent]e con tutto il corpo dell'conv[en]to dell'rinnomato ingeniero Girolamo Cassar Maltese, fondati dall'Em[inentissim]o Sign[ore] Cardinale e G[ran] M[aestro], Frà Ugo de Lobaux de Verdala." AKM, Misc. 54, *Notizie di Monasteri e Case Religiosi*, f.45r.

**L-evidenza storika fil-*Uomini Illustri di Malta***

Manuskritt ieħor li jagħmel referenza għal Ġilormu Cassar bħala l-arkitett tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana huwa Ms 1123, *Uomini Illustri di Malta*, li jinsab fil-Biblijoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta.[8] Din il-kitba hija traskrizzjoni tal-Konti Saverju Marchese[9] magħmula minn kitba oriġinali "ta' Patri Kapuċċin"[10] meqjusa bħala mitlufa. Meta nqisu b'reqqa l-evidenza interna ta' din il-kitba naslu biex nikkonfermaw it-teorija ta' bosta studjużi li dan il-Kapuċċin anonimu li kiteb il-manuskritt oriġinali mhuwa ħadd għajr Patri Pelaġju nnifsu.[11]

Il-*Uomini Illustri* nistgħu niddatawh ftit wara l-1775, is-sena li fiha Patri Pelaġju stampa l-kitba tiegħu *Componimento Storico* li jittratta l-ħajja u t-tradizzjonijiet marbuta ma' San Publiju, li għalih jagħmel referenza fil-*Uomini Illustri*.[12]

Fl-ewwel parti tal-*Uomini Illustri* nsibu referenza għal sebgħin artist elenkati b'mod kronoloġiku, kif naqraw fl-introduzzjoni tal-manuskritt ta' Marchese.[13] Fit-tieni parti nsibu tagħrif dwar tlieta u tletin isem ieħor li jinkludu "uħud mill-aqwa inġinieri u kapi-mastri, skulturi Maltin, u oħrajn  simili li kienu ġew Malta mis-sena 1500, sal-17 ....[*omissis*]."[14] Huwa hawn fejn insibu l-entratura ta' "Ġilormu Cassar."[15] F'din l-informazzjoni dwar Cassar, il-patri




*Ġilormu Cassar*

8 Ara Biblijoteka Nazzjonali Malta, MS. 1123, *Uomini illustri di Malta.*

9 Dwar il-Konti Saverju Marchese ara, Krystle Farrugia, *Count Saverio Marchese (1757-1833): Art History and Artistic Preferences in Late 18th and Early 19th Century Malta.* A Dissertation presented to the Faculty of Arts at the University of Malta for the Degree of Masters of Arts in History of Art, May 2012, 17-19; John Azzopardi, *Dürer in Malta: Albert Dürer and the Early German School Woodcuts and Engravings at the Cathedral Musuem, Mdina, Malta* (Malta: Midsea, 2018), 4; John Azzopardi, "The Drawings Collection of the Cathedral Musuem, Mdina: Its Components and their Provenance," f'*At Home in Art: Essays in Honour of Mario Buhagiar,* ed. Charlene Vella (Malta: Midsea, 2016), 541-547.

10 "Notizie: Di alucuni pittori, scultori, architetti, e capi mastri si Maltesi, che forastieri, che operarano in Malta, o che in essa spedirono le loro opere, adunate da un Padre del Serafico Ordine Capuccino della Custodia di Malta, amatore e curioso investigatore delle Cose Patrie." BNM, MS. 1123, *Uomini illustri di Malta*, f.1.

11 Fost dawk li jaslu għal din il-konklużjoni, hemm pereżempju, Eugene F. Montanaro, "Materials for the Life of Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773)," f'*Francesco Zahra 1710-1773*, ed. John Azzopardi (Malta: Friends of the Cathedral Musuem, 1986), 10-11; Stephen Degiorgio u Emmanuel Fiorentino, *Antoine Favray (1706-1798): A French Artist in Rome, Malta and Constantinople* (Malta: Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2004), 252; Keith Sciberras, *Roman Baroque Sculpture for the Knights of Malta* (Malta: Midsea, 22012), 37; Mario Buhagiar, "Niccolò Nasoni between Malta and Portugal," *Treasures of Malta* 11, no.3 (Summer 2005): 14; Dominic Cutajar, "Filippo Paladini: His Activities in Malta," *Treasures of Malta* 19, no.1 (Christmas 2000): 26.

12 Ara BNM, MS. 1123, *Uomini illustri* di Malta, f.27. It-traskrizzjoni tal-kitba oriġinali mill-Konti Saverju Marchese inkitbet fl-1825 meta huwa kien qed isofri minn riħ u allura kellu jibqa ġewwa fid-dar tiegħu kif naqraw fin-noti ta' Marchese stess fl-imsemmi manuskritt. Ara ibid., f.93r.

13 Ara ibid., f.1.

14 "Notizario di alcuni valenti ingegnieri, capi mastri, sculturi Maltesi, e di altri simili i quali sono venuti in Malta dall'anno 1500, al 17 ... [omissis]." Ibid., f.72.

15 Ara ibid., ff.75-77.

Kapuċċin jinkludi tagħrif, li skontu huwa meħud mill-Ktieb tal-Kunsill taħt is-sena 1579, fol. 272.[16] Fil-fatt ir-referenza mogħtija minn Patri Pelaġju hija żbaljata b'mod illi din kellha tkun *Liber Bullarum* vol. 439, f.270., kif għad irridu naraw. F'dan it-tagħrif insibu lista ta' binjiet iddisinjati minn dan l-inġinier Malti, fosthom: is-seba' bereġ tas-seba' lingwi tal-Kavallieri; il-palazz maġisterjali, il-knisja konventwali ta' San Ġwann Battista, il-knisja parrokkjali ta' San Pawl, tal-Porto Salvo, tal-Madonna tal-Karmnu, ta' Santu Wistin u Santa Marija ta' Ġesù, ilkoll mibnija fil-Belt.

Patri Pelaġju jikteb li minbarra dawn il-postijiet li nsibu referenza għalihom fil-kitba ta' Bartolomeo Dal Pozzo, Ġilormu Cassar iddisinja wkoll il-knisja ta' Santa Katerina Verġni u Martri tal-Lingwa Taljana, u l-palazz tal-għolja tal-Verdala jew tal-Buskett. Huwa proprju hawnhekk, fejn il-kittieb Kapuċċin iżid ir-referenza għall-bini tal-knisja tal-Kapuċċini f'rabta ma' Ġilormu Cassar, filwaqt li jinforma wkoll li l-patrijiet Kapuċċini ġew stabbiliti f'Malta mill-Gran Mastru Verdala.[17]

F'din il-kwotazzjoni rridu niddistingwu bejn l-informazzjoni li Patri Pelaġju kien qed jieħu mill-istoriku tal-Ordni ta' San Ġwann, Bartolomeo Dal Pozzo, minn informazzjoni oħra li Patri Pelaġju jagħti mingħajr ebda indikazzjoni għal xi għejun storiċi li fuqhom kien qed jistrieħ f'din il-kitba tiegħu.

Fir-rigward tal-kitba ta' dal Pozzo, Patri Pelaġju jsemmi żewġ referenzi differenti. L-ewwel, huwa jsemmi "Pozzo Tom.1 Lib.2. pag.73" fejn dal Pozzo jsemmi dawn il-binjiet f'rabta ma' Ġilormu Cassar: il-knisja konventwali ta' San Ġwann; is-seba' bereġ, il-palazz maġisterjali, il-knisja ta' San Pawl, tal-Porto Salvo, tal-Karmnu, ta' Santu Wistin, ta' Santa Marija ta' Ġesù, u ta' Santa Katerina. Meta nqabblu din il-lista fil-kitba ta' dal Pozzo ma' dak li kiteb il-patri Kapuċċin ninnutaw li dan tal-aħħar ma żammx l-istess kronoloġija li sab f'dal Pozzo għalkemm jinkludi l-istess lista li jagħti dal Pozzo. It-tieni referenza li l-Kapuċċin jagħti minn dal Pozzo hija din: "Libo.7 pag.310" fejn insibu r-referenza għall-binja tal-palazz tal-Buskett f'rabta ma' Ġilormu Cassar.

Il-problema tqum meta niġu għar-referenza



*Pittura antika li turi kif kien il-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini l-antiki*

16 "Registrato nel Lib[r]o de' Consigli sotto l'anno 1579, fogl.272." Ibid., f.76.

17 "Ha disegnati li sette palazzi detti alberghi delle sette lingue, nelle quali consiste il corpo di tutta la nostra Religione; il nostro Palazzo Magistrale, e quello, che è piu le ecclesia nostra conventuale di S. Gio[vanni] Bat[tist]a modellata sù quella, ch'era stata in Rodi, e ridotta a perfezione. Da lui pur sono usciti i disegni della Parrocchiale di S. Paolo, e di Porto Salvo. Le chiese del Carmine, di S. Agostino, e di S[anta] M[ari]a di Gesù dove al presente si officia / Datum Melitae /. Oltre le predette al riferire dal Pozzo sono disegno dal Cassar la chiesa di S. Caterina V[ergine] e M[artire] della Lingua d'Italia, il palagio del Monte Verdala, o sià del Boschetto, e la chiesa de P.P. Capuccini della Floriana ivi stabiliti dal Gr[an] M[aes]tro Verdale. Ved. Pozzo Tom.1 Lib.2. pag.73. e Libo.7 pag.310." Ibid., ff. 76-77.

tal-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana f'rabta ma' Ġilormu Cassar. Dal Pozzo jitkellem mit-twaqqif ta' dan il-bini f'rabta mal-Gran Mastru Verdalle,[18] iżda ma jsemmi xejn dwar min iddisinja din il-knisja. Il-mistoqsija li rridu mela nistaqsu hija: minn fejn Patri Pelaġju ġab din l-informazzjoni?

**L-evidenza storika fil-Kronaka tal-Kapuċċini**

Filwaqt li fil-kitbiet tiegħu *Notizie di Monasteri e Case Religiosi* u fil-*Uomini Illustri*, Patri Pelaġju jagħmel referenza għal Ġilormu Cassar bħala l-arkitett tal-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana, huwa jibqa' sieket dwar dan fil-*Cronaca delli RR. PP. Minori Capuccini di Malta* miktuba minnu wkoll.[19] F'din il-kitba Patri Pelaġju jitkellem fit-tul dwar il-preżenza u l-istorja tal-Kapuċċini minn meta dawn ġew Malta saż-żmien li fih kien qed jikteb. Jidher li Patri Pelaġju temm jikteb din il-kitba manuskritta wara l-1756, minħabba li din tidher li hija l-aktar data tardiva rreġistrata f'din il-kitba.[20] Jekk inhu hekk, allura nistgħu ngħidu li Patri Pelaġju kiteb il-Kronaka qabel ma kiteb in-*Notizie di Monasteri e Case Religiosi* u l-*Uomini Illustri* li aħna qed niddatawhom lejn is-sena 1775 jew ftit wara rispettivament.

Ma setax jonqos li fil-Kronaka, Patri Pelaġju jitkellem dwar it-twaqqif tal-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana. Huwa jagħmel referenza għall-art li fuqha ġie mibni dan il-kumpless f'rabta mal-Gran Mastru Verdalle bħala l-benefattur kbir ta' dawn il-patrijiet. Minkejja dan, Patri Pelaġju ma jsemmix lil Ġilormu Cassar bħala l-arkitett ta' dan il-bini.[21] Jista' jkun li r-raġuni għal dan is-skiet hija li meta Patri Pelaġju kiteb il-Kronaka huwa kien għad ma kellux informazzjoni dwar ir-rabta ta' Ġilormu Cassar mal-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Furjana. F'dan il-każ, din l-informazzjoni waslet għandu aktar tard minn xi għejun oħra.

**L-evidenza storika tal-Konti Ciantar**

Ix-xhieda letterarja storika ta' qabel P. Pelaġju hija waħda skarsa. Fl-1647, Giovanni Francesco Abela ppubblika dik li hija meqjusa bħala l-ewwel storja tal-gżejjer Maltin.[22] F'din il-kitba tiegħu, il-Kommendatur Abela jagħmel referenza għall-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini barra s-swar tal-Belt f'rabta mal-Gran Mastru Verdalle.[23] Abela iżda ma jsemmi xejn dwar min kien l-inġinier tal-bini tal-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini, anke jekk taħt il-lista ta' persunaġġi illustri Maltin, huwa jsemmi lil

18 "Lasciò anche diverse memorie della sua pietà ... la fondazione del convento di Padri Capuccini fuori della Valletta, che segni nel 1588 dopo il suo ritorno da Roma." Bartolomeo Dal Pozzo, *Historia della Sacra Religione di S. Giovanni Gerosolimitano, detta di Malta* (Verona: 1703), Parte 1, 364.

19 Ara A[rkivju) K[apuċċini] M[alta], *Cronica delli RR. PP. Minori Capuccini di Malta. Opera divisa in due libri raccolti dal Predicatore Fra Pelagio Maria predicatore Capuccino dalla Terra Zebug chiamato nel secolo Don Bartolomeo Mifsud Gauci Piscopo Protonotario Apostolico, e Dottore in Medicina, e Professore di cotesta Custodia de Capuccini di Malta.*

20 Ara ibid., ff.317, 336.

21 "L'opera della fabbrica del nuovo conv[en]to per li RR PP Capuccini ... seguì fuori dalla nuova Città Valletta nella distanza di canne 400 da Porta reale, sulle sponde del Porto della Marsa denominata Sciat il Kuabar in prospetto alla collina ò sià piccolo Romontorio denom[ina]to Cortin nel luogo denom[ina]to Docchara – Rocca che si sparge sopra detto Porto, come riferisce il Comm[endatore] Abela nella sua Malta Illus. Lib.1 I.I.48 ove cosi = Porto s'incontra il luogo de V.PP. Capuccini edificato sotto gli auspizij del G[ran] Maestro Verdale l'anno 1584. Doccaro Rocca, si sparge sul mare sotto à Capuccini." Ibid., f.17.

22 Ara Giovanni Francesco Abela, *Della descrittione di Malta isola nel mare siciliano, con le sue antichità ed altre notitie* (Malta: 1647). Dwar Abela bħala l-missier tal-istorja ta' Malta ara, Anthony T. Luttrell, "Girolamo Manduca and Gian Francesco Abela: Tradition and Invention in Maltese Historiography," *Melita Historica* 7 (1977): 105-132.

23 "Non lungi dalla Città Valetta verso terra sù le sponde del Porto n'incontra il luogo de' Venerandi PP. Capuccini edificato sotto gli auspicij del Gran Maestro Verdala l'anno 1584." Abela, *Della descrittione di Malta isola nel mare siciliano*, Lib. 1, Not. 1, 16.

Ġilormu Cassar u jsejjaħlu "inġinier famuż tal-Ordni ta' San Ġwann."[24]

Il-kitba tal-Kommendatur Abela serviet ta' bażi għal dik tal-Konti Giovanni Antonio Ciantar (1696-1778), kontemporanju ta' Patri Pelaġju.[25] Fiż-żewġ volumi dwar l-istorja tal-gżejjer Maltin,[26] il-Konti Ciantar żied aktar informazzjoni ma' dak li kien sab fil-kitba tal-Kommendatur Abela, inkluż tagħrif dwar il-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana, fejn naqraw hekk: "Id-disinn tal-bini msemmi fuq [il-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana] sar minn Ġilormu Cassar, inġinier ċelebri Malti."[27]



*Stampa antika ta' Patri Kapuċċin bil-ħorġa taċ-ċirka*

Ciantar iżda ma jħalli l-ebda traċċi dwar minn fejn kiseb din l-informazzjoni storika. Wisq probabbli li huwa kien qed isegwi dak li kien kiteb Patri Pelaġju ftit tas-snin qabel. Kif diġà għedna, sas-sena 1775 Patri Pelaġju kien diġà kiteb in-*Notizie di Monasteri e Case Religiose*, filwaqt li l-kitba l-oħra tiegħu *Uomini Illustri*, qed niddatawha ftit wara l-1775. Ir-referenza għal Ġilormu Cassar f'rabta mal-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-kitba tal-Konti Ciantar insibuha fit-tieni volum tiegħu ippubblikat fl-1780, jiġifieri ftit snin wara ż-żewġ kitbiet ta' Patri Pelaġju li għamilna referenza għalihom.

## Evidenza storika oħra kontemporanja għal Patri Pelaġju

Fl-1733 Rocco Pirri ppubblika l-kitba monumentali tiegħu Sicilia Sacra.[28] F'din il-kitba, Pirri jinkludi nota dwar it-twaqqif tal-bini tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini li fiha jitkellem kemm dwar Patri Roberto d'Eboli, l-ewwel Kapuċċin li kien Malta waqt l-Assedju l-Kbir, kif ukoll dwar il-Gran Mastru Verdalle li ġab il-Kapuċċini f'Malta. Minkejja dan, Pirri ma jsemmi xejn dwar Ġilormu Cassar bħala l-arkitett tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana.[29] Patri Pelaġju jagħmel referenza għal din il-kitba ta' Pirri u dan jurina li kien jaf biha. Huwa jagħmel dan bħala parti mill-kitba-kritika tiegħu kontra Ittra li l-istoriku Għawdxi ta' żmienu, Agius de Soldanis kien kiteb dwar il-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini

24 "Famoso ingegniere della Sacra Relgione." Ibid., 474.

25 Dwar il-Konti Ciantar ara, Giovanni Mangion, "Giovanni Antonio Ciantar: Letterato Maltese del Settecento," *Melita Historica* 7, no.2 (1977): 157-162.

26 Ara Giovanni Antonio Ciantar, *Malta illustrata ovvero descrizione* di *Malta isola del mare siciliano e adriatico con le sue antichità, ed altre notizie* (Malta: Stamperia del palazzo, vol. 1, 1772 u vol. 2, 1780).

27 "Il disegno del sopradetto edifizio fu fatto da Girolamo Cassar, celebre ingegniere Maltese." Ciantar, *Malta Illustrata*, Lib.III, Not XIII, 2:325.

28 Ara Rocco Pirri, S*icilia Sacra disquisitionibus et notis illustrata, tomus secundus* (Panormi: Petti Coppulae, 1733).

29 "Capuccinorum nobile coenobium cum adjuncto perspicuo viridario extra moenia ad tertium lapidem. Incoeptum forte est exemplo F. Roberti de Euoli Capuccini eximii Ecclesiastae, qui excusso Saracenicae servitutis jugo, Melitam adiit, ubi obsidionis tempore sua praedicatione, sacris exhortationibus ad animos obsessorum inn divinum auxilium confirmandos, jugique quadraginta horarum oratione elaboravit. Post sub M. Mag. Verdala opere persicitur, & magnum fabricis & eleemosynis augmentum sub regimine Fr. Clementis, & Fr. Joannis Mariae à Neto, qui ambo immediatè Generalis sui ordinis Capuccinorum fuere, suscepit. Fr. 24." Ibid., 926.

ta' Għawdex.[30]

Fl-1745 ġie ppubblikat it-tielet parti ta' dak li hu magħruf bħala l-Bullarium tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin u li fih insibu tagħrif dwar il-Provinċji u l-Kustodji bit-twaqqif tal-kunventi rispettivi tagħhom marbuta ma' dan l-Ordni. F'dan it-tielet volum insibu tagħrif dwar il-Kustodja tal-Kapuċċini f'Malta bit-tliet kunventi li kien hemm mibnija sa dak iż-żmien, dak tal-Furjana, tal-Kalkara u ta' Għawdex. Patri Pelaġju jikkwota minn din il-kitba f'kitbiet differenti tiegħu. Minkejja dan, l-informazzjoni dwar Ġilormu Cassar lanqas ma seta' ħadha minn hawn hekk kif filwaqt li l-Bullarium isemmi lill-Gran Mastru Verdalle bħala l-benefattur tal-Kapuċċini, hawn ma nsibu l-ebda referenza għal Ġilormu Cassar.[31]

Fl-1764, Injazju Saverju Mifsud, kontemporanju u ħabib ta' Patri Pealġju ppubblika l-Biblioteca Maltese, li fiha jinkludi tagħrif dwar it-twaqqif tal-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana. Huwa iżda ma jsemmix lil Ġilormu Cassar bħala l-arkitett ta' dan il-kumpless. Minflok, Mifsud jikteb hekk: "Dak li diġà kien l-Eminentissimu Prinċep Kardinal Fr. D. Ugo Verdalle, kellu raġuni tajba biex isejjaħ għalih fis-sena 1587 lil Patri Rafel, biex flimkien ma' reliġjużi oħra miegħu jikkummissjona t-twaqqif u l-bini tal-kunvent tal-Ordni tiegħu fis-subborg ta' din il-Belt Valletta."[32]

## Evalwazzjoni tax-xhieda storika letterarja

Huma bosta x-xogħlijiet li l-inġinier Malti, Ġilormu Cassar kien ġie mqabbad jagħmel għall-bini tal-belt il-ġdida Valletta. F'dan il-kuntest storiku, Cassar kien meqjus bħala l-assistent ta' Francesco Laperelli, li wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, il-Papa Piju V kien bagħtu Malta sabiex flimkien ma' oħrajn, jippjana l-fortifikazzjonijiet il-ġodda u l-bini ta' belt ġdida fuq l-għolja Sciberras.[33] Il-ħila ta' Ġilormu Cassar intweriet mhux biss fid-disinji tal-fortifikazzjonijiet li għamel, iżda wkoll fid-disinji ta' bini ieħor, inkluż knejjes ġodda.[34]

Fit-18 ta' Mejju 1581, il-Gran Mastru La Cassière kien ħareġ Ċertifikat tas-Servizz li ta Cassar. F'din il-kitba nsibu lista tal-binjiet li dan

30 "Ne l'Abate Pirri, ne il Com[mendator]e Abela, ne nessun' altro à mai riconosciutto, la fond[azio]ne di questo conv[en]to nella Contrada ta Sarria, molto meno in alcun tempo ò presso il volgo, ò nelle scritture publiche, ò private veruno in voce, ò in scritto denominò convento, ò Capuccini della Sarria. Il Pirri not. Eccl. Meliten. si contentò col dire = Capuccinorum nobile Coenobium cum adiuncto perspicuo viridario extra menia ad 3. lapidam incaeptum." AKM, Misc. 65, *Correzioni critiche del Rev Pelagio Maria Mifsud Piscopo Pred[icatore] Capuccino dalla Terra Zebug, intorno la lettera sopra la fondazione, ed esistenza della chiesa e convento de' RR. PP. Capuccini del Gozo di Malta scritta dal Canonico Dottor Francesco Agius de Soldanis, diretta al sacerdote D. Ignazio Saverio Mifsud dalla Valletta avvocato, e consultore del Sant'Officio, ed al medisimo rappresentante nel convento Anno 1759*, f.44r.

31 Ara *Bullarium Ordinis FF. Minorum S. P. Francisci Capucinorum: Seu Collectio Bullarum, Brevium, Decretorum, Rescriptorum & Oraculorum &c. quae a S. Sede Apostolica pro Ordine Capucino emanarunt. Continens Bullas, Brevia, Decreta, Rescripta & Oracula, quae Regnorum utriusque Siciliae & Sardiniae Provincias, videlicet Neapolitanam, Lucaniae, Rhegiensem, Cosentinam, S. Angeli, Barensem, Hydruntinam, Panormitanam, Messanensem, Calaritanam & Turritanam: nec non Custodias Italiae, Monferratensem, Tridentinam, & Melitensem specialiter concernunt. Tomus Tertius* (Romae: Typic Joannis Zempel, 1745), 299-307.

32 "Ebbe adunque ben guisto motivo il già Eminentissimo Principe Cardinale Fr. D. Ugo Verdala di chiamare a se nel 1587 il P. Raffaello, al quale assieme con altri correligiosi commise la prefettura dell'erezione, e fabbrica del convento del suo Ordine nel subborgo di questa Città Valletta." Ignazio Saverio Mifsud, *Biblioteca Maltese dell'Avocato Mifsud, Parte Prima* (Malta: Stamperia di S.A.S., 1764), 50.

33 Ara de Giorgio, *A City by an Order*, 60-79; J. Quentin Hughes, *The Building of Malta during the Period of the Knights of St. John of Jerusalem 1530-1795* (London: Alec Tiranti, 1956), 121-120; Stephen C. Spiteri, *Fortress of the Cross: Hospitaller Military Architecture (1136-1798)* (Malta: Heritage Interpretation Services, 1994), 372-373; Stephen C. Spiteri, *The Art of Fortress Building in Hospitaller Malta* (Malta: BDL, 2008), 84-117.

34 Ara Edward Sammut, *The Co-Cathedral of St. John, Formerly the Conventual Church of the Order of Malta, and its Art Treasures* (Malta: Progress Press, 1950); Hannibal P. Scicluna, *The Order of St. John of Jerusalem and Places of Interest in Malta and Gozo* (Malta: Empire Press, 969), 133-166.




*Inċiżjoni antika li turi l-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana bħala parti mill-ftit bini li kien hemm f'din il-lokalità.*

l-inġinier Malti ta' ħila kien iddisinja.[35] Minkejja dan, il-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana ma setgħux ikunu inklużi f'din il-lista minħabba li kienu għadhom mhumiex mibnija.

Il-Gran Mastru Verdalle, prinċep ta' żmien l-Illuminiżmu Rinaxximentali u patrun tal-arti,[36] kien wera fiduċja kbira fl-Inġinier Cassar meta qabbdu jfassal il-pjanti ta' binjiet oħra importanti li kellhom jirriflettu era ta' arkitettura ġdida fil-ġżejjer Maltin. Biżżejjed jekk insemmu l-palazz tal-Buskett jew ta' Verdalle kif baqa' magħruf[37] u t-tkabbir tal-palazz maġisterjali fil-Belt Valletta.[38] Cassar kien sar l-inġinier ewlieni li spikka f'Malta matul dan iż-żmien. Ladarba kien il-Gran Mastru Verdalle li ta l-art biex il-Kapuċċini jibnu fuqha l-knisja u l-kunvent tagħhom barra l-Belt Valletta, nistgħu għalhekk nissoponu li l-imsemmi Gran Mastru qabbad ukoll lil Ġilormu Cassar biex ifassal il-pjanta għall-bini ta' dawn il-patrijiet.

Id-dettalji dwar ix-xogħlijiet ta' Ġilormu Cassar huma skarsi. Martu Matthia ġabret lista impressjonanti tax-xogħlijiet tiegħu imma b'mod mill-aktar ġenerali.[39] L-ebda disinn, artikli jew affarijiet jixxiebhu ma waslu għandna, għalkemm kopja ta' trattat dwar is-sistema difensiva ta' Lucca fl-Italja huwa attribwit lilu. Ibnu, Vittorio, jgħid li hu kellu d-disinji ta' missieru, iżda anke kieku dan kien minnu, xejn ma ġie salvat. [40] Minbarra

35 Ara A[rkivju] O[rdni] M[alta], Liber Bullarum vol. 439, f.270. Traskrizzjoni ta' dan id-dokument tinsab f'de Giorgio, *A City by an Order*, 238.

36 "Hughes de Loubens de Verdalle, Cardinal Grand Master of the Knight Hospitallers of St John of Jerusalem, was an enlightened Renaissance Prince, a patron of the arts, and a respectable statesman." Mario Buhagiar, *Essays on the Knights and Art and Architecture in Malta 1500-1798* (Malta: Midsea, 2009), 9. Ara wkoll, Charles Mula, *The Princes of Malta: The Grandmasters of the Order of St John in Malta 1530-1798* (Malta: Enterprise Group, 2000), 119.

37 Ara Quentin Hughes u Conrad Thake, *Malta the Baroque Island* (Malta: Midsea, 2003), 77-79; Quentin Hughes, *Military Architecture* (London: Hugh Evelyn, 1974), 95.

38 "In the 1580's the Maltese architect Girolamo Cassar (c. 1520-1592/4) was at the peak of his architectural career. He became the Order's architect after Francesco Laparelli (1521-1570) left the island in April 1568. Not surprisingly, Cassar was given the envious brief of designing the first Palace building in 1572 by Gran Master Jean l'Evesque de La Cassière (1572-1581), comprising the Grand Council Hall, known as the Sala del Gran Consiglio, and other state apartments. It is therefore reasonable for the second Palace intervention of the 1580's under Hughes Loubenx de Verdalle's magistery (1582-1595), when the summer quarters of the Palace were built in the north-east wing." William Soler, "The Knights' Astronomical Observary and the Palace Tower," f'*Palace of the Grand Masters in Valletta*, consultant editor, Albert Ganado (Malta: Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2001), 112.

39 Ara Victor Bonnici, *The Story of Matthia the Wife of Gerolamo Cassar l'Ingegnere* (Malta: Midsea, 2021), 80.

40 Komunikazzjoni ta' Dr Victor Bonnici lill-awtur. Nafu iżda li Vittorio kellu diversi kotba. Ara Carmel Cassar, "The Mixed Traits of Knowledgeable Renaissance Magic: Approaches to Sorcery and Withcrafts Beliefs and the Malta Inquisition Tribunal," f'*Non Omnis Moriar: Essays in Memory of Dun Ġwann Azzopardi*, eds., Petra Caruana Dingli u Mario Gauci (Malta: The Wignacourt Musuem, 2022), 236.

hekk, ibnu Vittorio ma ħallielna l-ebda lista tax-xogħlijiet li kien għamel missieru. Wisq probabli r-raġuni għal dan hija minħabba li Vittorio kien għadu żgħir wisq meta Ġilormu miet fl-1592. Dakinhar Vittorio kellu biss ħmistax-il sena. Minkejja dan, hemm punt li rridu nżommuh f'moħħna f'dan ir-raġunament kollu: qatt ma nsibu xi referenza li Ġilormu Cassar irtira mix-xogħol tiegħu. Fil-fatt, il-mara ta' Ġilormu, tgħid li hu kompla jaħdem għall-Ordni ta' San Ġwann sakemm miet fl-1592,[41] jiġifieri ftit snin wara li kienu għadhom kemm ġew ippjanati u mibnija l-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana, bejn is-sena 1582 u l-1588, hekk kif m'hemmx qbil fost l-istudjużi dwar id-data tat-twaqqif ta' dan il-bini.[42]

Mix-xhieda storika letterali li ppreżentajna jidher li Patri Pelaġju kien l-ewwel kittieb storiku li ħareġ bit-teorija li l-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini ġew iddisinjati minn Ġilormu Cassar. Dan għamlu fil-kitbiet tiegħu *Notizie di Monasteri e Case Religiosi* u l-*Uomini Illustri*, imma mhux fil-Kronaka tal-Kapuċċini miktuba minnu wkoll.

Meta nqisu dan kollu, naslu biex ngħidu li l-għejun storiċi dwar ir-rabta ta' Ġilormu Cassar mal-bini tal-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana ma kienx wieħed miktub. Fil-fatt, Patri Pelaġju ma jikkwota l-ebda kittieb ta' qablu li jagħmel din l-assoċjazzjoni bejn Cassar u l-bini tal-Kapuċċini fil-Furjana kif soltu jagħmel meta ħafna drabi kien ikun qed jikkopja minn xi għejun storiċi oħra. Minflok, jidher li Patri Pelaġju wiret din l-informazzjoni minn tradizzjoni orali li setgħet għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra fost il-patrijiet Kapuċċini sakemm waslet sa għandu, madwar mija u tmenin sena wara l-mewt ta' Ġilormu Cassar.

Bosta awturi moderni segwew il-ħsieb li Ġilormu Cassar huwa l-arkitett ta' dan il-kumpless reliġjuż fil-Furjana mingħajr iżda ma jagħtu informazzjoni dwar l-għejun storiċi għal din l-assoċjazzjoni. Fost dawn insibu lil Achille Ferres,[43] P.P. Castagna,[44] Patri Timotju mill-Belt,[45] Leonard Mahoney,[46] Michael Galea,[47] Antonio Agius,[48] Emmanuel S. Tonna[49] u oħrajn.[50]

Żgur li l-bini oriġinali tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini barra l-ħitan tal-Belt Valletta kien wieħed mill-aktar sempliċi u iżgħar u li maż-żmien baqa' jitkabbar. Il-biċċa l-kbira ta' dan il-bini iżda nqered fl-aħħar gwerra dinjija. B'hekk intilef wirt storiku-reliġjuż li jidher li jmur lura għal Ġilormu Cassar, wieħed mill-aqwa inġinieri li Malta kellha fis-seklu sittax.

41 Komunikazzjoni ta' Dr Victor Bonnici lill-awtur.

42 Id-data tat-twaqqif tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana għadha mhijiex stabbilita. Ara Mifsud, *Biblioteca Maltese*, 50-51.

43 "Questo convento fu fondato nel 1588 sotto gli auspici del gran-maestro, cardinal Verdala ... questo sacro edificio fu innalzato sul disegno del nostro Gerolamo Cassar." Achille Ferres, *Descrizione Storica delle chiese di Malta e Gozo* (Malta: 1866), 238-239.

44 Ara P.P. Castagna, *Malta bil-Gżejjer tagħha li għadda minn għaliha* (Malta: 1890), 3:99.

45 "Id-disinn tal-knisja u l-kunvent ġie magħmul mill-magħruf inġinier Malti tal-Ordni Ġerosolimitan, Ġlormu Cassar." Timotju (Attard) mill-Belt Valletta, *Il-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan* (Malta: Empire Press, 1955), 20.

46 "The Capuchins came to Malta in 1588 when, under the patronage of Grand Master Verdala, they founded a convent in Floriana. This structure was designed by Gerolamo Cassar, as was the adjoining church." Leonard Mahoney, *5000 Years of Architecture in Malta* (Malta: Valletta Publishing, 1996), 61.

47 "The convent and the annexed church were built on plans and designs by the Order's main architect and engineer Geronimo Cassar, who had already built Verdalle's summer Palace at the Boschetto." Micahel Galea, *Granmaster Hughes Loubens de Verdalle 1582-1594* (Malta: PEG, 2000), 82.

48 "Dan il-kunvent ġie fundat fl-1588 mill-Kardinal Verdala Granmastru tal-Ordni fuq id-disinn ta' Ġirolamo Cassar." Ant. Agius, I*s-Subborg tal-Furjana w il-Parroċċa tiegħu* (Malta: Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp, 1946), 12.

49 "Girolamo Cassar, the Maltese Architect of the Order, was entrusted with the architectural design." Emmanuel S. Tonna, *Final Focus on Floriana: A Collection of Essays* (Malta: Progress Press, 1979), 50.

50 Ara Hughes, *The Building of Malta during the Period of the Knights of St. John of Jerusalem 1530-1795*, 205-207.